# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 574/2016PM1**

**Raymond Cilia**
**(ID Nru. 227557(M))**

**Vs**

**Gasam M. Abul Mohammed (ID Nru. 399494(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2016 permezz ta' liema l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasu s-somma ta' tmin mija u sebghin euro u ghoxrin centezmi (€870.20) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess intimat fuq struzzjonijiet tieghu stess fil-hanut stess konsistenti minn laham biex jerga' jinbiegh lill-klijenti tal-istess intimat mill-istess hanut bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta datata 23 ta' Jannar, 2017 permezz ta' liema l-intimat wiegeb illi l-ebda somma m'hi dovuta peress li l-merkanzija fornita kienet ta' kwalita` inferjuri minn dik ordnata. Fil-fatt minflok laham tal-haruf l-attur kien qieghed ghal snin twal iforni

laham tan-naghag u dan ad insaputa tal-konvenut. Il-laham tan-naghag huwa irhas minn tal-haruf u ghalhekk it-talba tal-attur ghandha tig michuda bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda tal-attur (fol. 11 tal-process) moghtija fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2017 u ra d-dokumenti ezebiti mill-istess attur fl-istess seduta.

Sema' x-xhieda tal-partijiet rispettivi moghitja fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2017 u ra d-dokumenti ezebiti f'dik is-seduta.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob somma rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal zewg konsenji ta' laham mixtrija mill-intimat fis-27 ta' Lulju, 2016 u 4 t'Awwissu, 2016 rispettivament. Huwa car li permezz tal-eccezzjoni tieghu l-intimat f'din il-kawza qed iressaq bhala difiza ghan-nuqqas ta' hlas da parti tieghu il-fatt illi l-laham mibjugh lilu ma kienx tal-kwalita` pattwita u dan ghaliex, skont hu, l-attur kien qed jghaddilu laham tan-naghag meta l-ftehim bejniethom kien fis-sens li l-attur kellu jghaddilu laham tal-haruf. .

Illi effettivament jirrizulta kjarament inkontestat bejn il-partijiet illi l-ftehim ta' bejniethom kien dak illi l-attur ibiegh lill-konvenut laham tal-haruf. (f'dan is-sens xehed ukoll l-istess attur fis-seduta tas- 6 ta' Marzu, 2017).

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni imressqa mill-intimat jinsab regolarment deciz li:

*"Il-precitat artikolu (art. 1390) joffri lix-xerrej wahda minn zewg alternattivi u cjoe (1) jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew (2) li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Dan ifisser li s-socjeta` konvenuta kellha tpoggi lilha nnifisha f' qaghda*

*guridika li tkun tista' tezercita xi wiehed minn dawn ir-rimedji* ***u ma kellhiex, b'att stess taghha, tippregudika tali dritt; Huwa bil-wisq elementari illi f' kaz ta' difformita` fil-kwalita` promessa tal-prodott kif hekk jirrizulta li hu l-kaz, dan kien jintitola lis-socjeta` konvenuta li tirrifjuta d-DVD's, tirritornahom lura u, jekk ikun hekk misthoqq, tippromwuovi talba u azzjoni ghad-danni. Hi ma setghetx tibqa' zzomm id-DVD's fil-pussess taghha, taghmel uzu minnhom anke jekk forsi ghal ftit ta' zmien, biex imbaghad, meta rinfaccjata ghall-hlas, tippretendi li sofriet danni. Mill-ebda parti mill-inkartament ma jirrizulta li ssocjeta` appellata ghaddiet ghad-depozitu taghhom biex b' hekk timmanifesta l-intenzjoni taghha li riedet tirrizolvi l-ftehim ghal dik ir-raguni ta' inadempjenza fil-kwalita` garantita.*** *Ara, in subjecta materia, sentenzi fl-ismijiet "***Robert Bond -vs- Austin Agius et***", Appell, 16 ta' April 1993 u "***Nazzareno Cauchi et nomine -vs- Joseph Baldacchino et***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997*" (**M. A. S. Communications Ltd vs The Malta External Trade Corporation Limited et.** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Frar, 2005 – enfazi mizjuda).

"*Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Paul Galea pro et noe vs Carmel Galea deciza fil-31 ta' Jannar 2003, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (cit nru. 891/1990/1) intqal li gej dwar l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, "Riferibilment ghat-trasferiment ta' proprjeta` u r-riskju ta' l-oggett mixtri, jinsab enuncjat illi "meta x-xerrej jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-venditur ghax l-oggett hu hazin u mhux adatt ghall-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh u javza lill-venditur b'dan irrifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs li kieku naqas ghal kollox l-oggett tal-bejgh, u kwindi ma hemmx trapass tal-proprjeta` jew tal-periculum rei perditae*" (***Francesco Zammit vs Celest Spiteri****, Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Novembru 1953)." Dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita` mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorita` tal-Qorti (***Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs. Pauline Buhagiar nomine,*** *Appell Civili, 28 ta' April 2000). Naturalment skond l-istess termini ta' l-*

*artikolu tal-ligi, huwa seta' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta' perit. Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet: "John Mary Dalli nomine v. Grezzju Patiniott", Appell Civili, 19 ta' Mejju 2000, gie inoltre ritenut li* ***"Din kienet difiza li l-kompratur seta' javanza ukoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita`. Mill-banda l-ohra, jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabilment il-posizzjoni tieghu***". (L & D Attard Co. Limited vs Eurometal Co. Limited deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-28 ta' Jannar, 2005 – enfazi mizjuda).

"*Id-difiza ewlenija tax-xerrej kienet li jirrifjuta l-oggett materjalment jew billi jiddepozitah taht l-awtorita' tal-Qorti. Jista' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas ghalih prezz anqas. Din kienet difiza li x-xerrej seta' javvanza ukoll per via di eccezione jekk il-bejjiegh jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita'. Mill-banda l-ohra, jekk ix-xerrej jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita' pattwita, hu jkun iqieghed jippregudika rrimedjabbilment il-posizzjoni tieghu.* ***Fi kliem iehor, ix-xerrej m'ghandux dritt izomm l-oggett konsenjat lilu u ma jhallasx il-prezz miftiehem.***" (**Zammit Automobiles Limited Vs Bezzina Charles** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 2003).

Illi fil-kaz inezami huwa car li b'ammissjoni tieghu stess l-intimat zamm il-laham kollu mghoddi lilu mill-attur – inkluz dak ikkonsenjat lilu dakinhar stess illi fih l-intimat informa lill-attur li ma riedx ihallsu – u baqa' ma rritornahx lill-attur anke wara li gie mitlub jaghmel dan. F'dan ir-rigward, l-istess intimat xehed in kontro-ezami illi:

"*Niftakar li l-attur kien talabni sabiex jiehu lura l-laham li kien gabli dak inhar stess u jiena kont wegibtu fis-sens li kelli niehu parir minghand l-Avukat tieghi.* ***Naqbel ma' dak li qed jigi ssuggerit lili li jiena dan il-laham zammejtu u ma ergajtx kellimtu lura****. Qed*

*jigi suggerit lili li jiena dan il-laham bieghejtu kollu u nghid li mhux bilfors bieghejtu kollu. Nghid li kien hemm hafna laham li jiena kelli narmi tant li llum il-gurnata minhabba dan il-laham hazin jiena wasalt fi stat li dan il-hanut nista da parti tieghi naghlqu."*(enfazi mizjuda)

Illi allura fil-kaz ta` bejgh, ma jistax jigi eccepit li l-oggett mibjugh ma kienx tal-kwalita` pattwita meta x-xerrej jaghzel li jzomm l-oggett mibjugh u juzah. Jekk l-intenzjoni tal-konvenut kienet tassew dik li jarmi l-laham, aktar u aktar xejn ma kien izommu milli jirritornah lill-attur. Dan m'huwiex kaz fejn, minhabba ragunijiet eccezzjonali, l-intimat ma setax jirritorna lura l-merce konsenjata lilu. L-intimat ma ressaq ebda difiza jew prova f'dan is-sens anzi jammetti li kienet ghazla volontarja tieghu li jzomm il-laham kollu, inkluz dak konsenjat lilu dakinhar stess, u jirrifjuta biss li jhallas il-prezz minflok li jhassar il-bejgh. Huwa daqstant iehor car li dak li trid il-ligi m'huwiex illi l-merkanzija allegatament mhux ta' kwalita` pattwita tinzamm mix-xerrej jew tigi mormija imma li x-xerrej jirreagixxi billi jirrifjuta l-oggett tal-bejgh u kwindi jroddu lura lill-bejjiegh jew jghaddi sabiex jiddepozita l-istess taht l-awtorita' tal-Qorti. Minn dan kollu l-intimat m'ghamel xejn u kwindi biz-zamma da parti tieghu tal-laham lilu mibjugh gie li, a tenur tal-kazistika kostanti citata hawn fuq, pregudika irrimedjabilment il-posizzjoni legali tieghu b'tali mod illi issa ma jistax jirrifjuta l-hlas tal-prezz dovut.

Illi ghaldaqstant, tenut kont tas-surreferit, it-Tribunal m'ghandux ghazla hlief li jilqa' t-talba attrici u jichad l-eccezzjoni tal-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma mitluba ta' tmin mija u sebghin euro u ghoxrin centezmu (€870.20) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**